IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

4 ta' Mejju 2017
34/2017

# L-ARĊISQOF IŻUR LIR-RESIDENTI TA' SAN BLAS U JITLOB GĦAT-TRAFFIKANTI TAD-DROGA BIEX JIKKONVERTU

L-Arċisqof Charles J. Scicluna żar lir-residenti taċ-Ċentru Terapewtiku ta' San Blas, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. L-Arċisqof iltaqa' personalment mar-residenti ta' San Blas li qed jagħmlu wieħed mit-tliet programmi għar-rijabilitazzjoni mid-droga, offruti mill-Knisja f'Malta permezz tal-Caritas.

Huwa ġie milqugħ mill-Vigarju Episkopali għad-Djakonija, Mons. Charles Cordina, mid-Direttur ta' Caritas Malta, Leonid McKay, mill-Kordinatur tas-Servizzi, is-Sur Anthony Gatt, u mill-istaff kollu ta' San Blas.

L-Arċisqof sema' l-esperjenzi tan-nisa u l-irġiel li qed isegwu wieħed mill-programmi ta' rijabilitazzjoni, u dawk li jgħixu fix-*shelter* li qed iħejju biex jibdew il-programm.

Fil-messaġġ tiegħu lir-residenti, l-Arċisqof tkellem dwar l-importanza li dawk li jsibu ruħhom f'din it-triq jaħfru lihom infushom biex jibdew mill-ġdid. "Għażiltu li tiġu hawn għax tridu li jkollkom suċċess. Tħallu qatt il-biża' tal-falliment iżżommkom lura, speċjalment jekk tkunu diġà għamiltu xi programm ieħor u waqajtu. Il-bieb dejjem se ssibuh miftuħ beraħ, u meta tidħlu hawn se ssibu persuni lesti biex jilqgħukom b'ħafna mħabba. Hawn ma tiġix iġġudikat! Hawn se ssib min jgħinek u jħobbok! Ġesù m'għandux limiti ta' kemm jgħin, u ma jgħajja qatt iħobbna. Din għandha timliekom bil-kuraġġ."

L-Arċisqof stieden lir-residenti jkabbru t-talenti tagħhom u jiskopru talenti ġodda, u appellalhom biex ma jkunux skjavi tad-droga u ma jħalluha qatt toħnoq kollox. B'kuntrast mad-dlam li jġib miegħu l-abbuż mid-droga, l-Arċisqof tkellem dwar id-dawl li ġġib magħha l-għażla favur il-ħajja. "Ħafna minnkom qaluli li hawn sibtu lilkom innfuskom, u nemmen li la qegħdin hawn qed tagħmlu l-għażla li tridu tgħixu l-ħajja vera. Mela aħarbu minn dak kollu li jista' jwaqqagħkom."

L-Arċisqof Charles J. Scicluna talab għal kull min qed jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni, biex ikompli jagħmel ħiltu sabiex jirritorna fis-soċjetà bħala persuna mibdula. L-Arċisqof talab ukoll għal min imexxi d-droga "biex jiftaħ għajnejh u jikkonverti, għax kif qal il-Papa Franġisku, il-ġudizzju ta' Alla jasal għal kulħadd".

Iż-żjara tal-Arċisqof ġiet fi tmiemha b'ikla ppreparata mir-residenti ta' San Blas.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**